MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2006

Numru 757/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello u
Sp Romina Veneziani)
vs
Oreste Zammit, iben Francis,
imwieled Sliema fis-7 ta'
diċembru, 1964

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-1 ta' awissu, 2006 u fil-jiem ta' qabel din id-data, b'diversi atti ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. talli fl-1 ta' awissu, 2006 għal ħabta tal-4.30 p.m. fil-Ħamrun ikkometta serq ta' fliexken tax-xorb mill-ħanut Max Diner għad-dannu tad-diriġenti ta' l-imsemmi ħanut;

2. talli fl-1 ta’ awissu, 2006 għal ħabta tal-11.00 a.m. f’tas-Sliema kkometta serq ta’ ħwejjeġ u zraben mill-ħanut Marks and Spencer li l-valur tagħhom hu ta’ aktar minn mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu tad-diriġenti ta’ l-imsemmi ħanut, liema serq hu kkwalifikat bl-ammont;
3. talli fil-31 ta’ lulju, 2006 bejn l-10.00 a.m. u is-2.00 p.m. fil-Ħamrun ikkometta serq ta’ fliexken tax-xirb mill-ħanut Max Diner għad-dannu tad-diriġenti ta’ l-imsemmi ħanut;
4. talli sar reċidiv b’diversi sentenżi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ awissu, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-refurtiva ġiet irkuprata u li l-valur tagħha ma jeċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500).

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ awissu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 279(a) u 284 tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni tiegħu bikrija u l-fatt li r-refurtiva ġiet irkuprata. Tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Minħabba l-fatt li l-imputat hu dipendenti fuq id-droga tirrakomanda li l-imputat jibda programm għar-riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------